AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

2160

ARB/C094/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-19 ta' Lulju, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Ingrid Bianco, LLD), Kumpilazzjoni Numru 6496/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

ABDIHAKIN KHADAR YUSUF, ta' 25 sena, iben Hadha u Zeineb, imwieled is-Somalja, fil-1 ta' Marzu, 2001, u residenti f'125, Triq Matty Grima, Bormla, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 9003202A.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' ABDIHAKIN KHADAR YUSUF u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jibdel jew jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat jista' jibqa' jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċentezmu (€13,976.26) fis-sena, wara li jiddikjara l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inkluż salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lilu.

B'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu perċepiti l-istess flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u tal-Artikolu 23A, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 21 ta' Awwissu, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għal-Irkupru tal-Assi

ARB/C094/2026 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 19 th July, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Ingrid Bianco, LLD), with Compilation Number 6496/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

ABDIHAKIN KHADAR YUSUF, 25 years, son of Hadha and Zeineb born in Somalia, on the 1st March, 2001, and residing at 125, Triq Matty Grima, Cospicua, and holder of an Maltese identity card bearing number 9003202A.

The Court ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to ABDIHAKIN KHADAR YUSUF and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred, seventy six euro and twenty four cents (€13,976.26) per year, after declaring the sources, monies and other modalities of income, including salary, wages, pension and social benefits paid to him.

Provided that every financial entity is ordered to file a note informing the Court of the account into which, or from which, the said funds are being received.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A and Article 23A, referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 21st August, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau